MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 1087/2003

**Holistics Technologies Limited**

**Vs**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Mejju 2003 li permezz tieghu talbet il-hlas tas-somma t'elf mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm1,293.35c) rapprezentanti materjal u servizz provdut mis-socjeta' attrici ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta li ma thallasx.

Ra n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha sollevat preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-Artiklu 2148 (a) tal-Kodici Civili u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, s-servizzi ta' *repair* u *refurbishment* maghmula mis-socjeta' attrici ma kienux ta' kwalita' pattwita.

Ra x-xhieda traskritta ta’ Evan Camilleri u Alison Bonanno u sema’ x-xhieda ta’ Dr Frank Portelli u ta’ Vincent Schembri.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-20 t’April 2004.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha zewg *storz phaco hand pieces* li xtaqet taghmel *refurbishing* taghhom. Dan l-apparat jintuza meta jsiru operazzjonijiet fuq il-katarretti fl-ghajnejn.

Is-socjeta’ konvenuta baghtet dawn iz-zewg *hand pieces* lis-socjeta’ attrici sabiex isir tali *refurbishment* u effettivament dan sar u nhareg *invoice* bid-data tal-15 ta’ Frar 2000 fl-ammont t’elf erba’ mija u tmenin lira Maltin (Lm1,480) liema *invoice* thallas.

Sussegwentament dawn iz-zewg *hand pieces* flimkien ma’ *hand piece* iehor intbaghtu ghar-*refurbishment* mill-gdid kif jidher mill-ittra tal-4 ta’ Dicembru 2000 a fol 10 tal-process u ghalkemm is-socjeta’ konvenuta hallset ghar-*refurbishment* ta’ wiehed minn dawn it-tliet *hand pieces*, irrifjutat li thallas ghar-*refurbishment* taz-zewg *hand pieces* l-ohra (li kienu l-istess zewg *hand pieces* li gew *refurbished* fi Frar) u dan jifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

<u>Dwar il-preskrizzjoni:</u>

Mill-provi jirrizulta li l-*invoice* relattiv ghat-tieni *refurbishment* hareg fid-29 ta’ Dicembru 2000 u mill-ewwel is-socjeta’ konvenuta bdiet tikkontesta dan il-kont u fl-*e-mail* ta’ Allison Cutajar (ghas-socjeta’ attrici) tal-4 ta’ Dicembru 2000 meta kitbet lill-principali taghhom fl-Amerika, ntqal:

"could you please try to arrange a discount for these hand pieces since our client is expecting a discount from us."

Dan ifisser li effettivament f'dak il-mument, cjoe' qabel ma sar ir-*refurbishment* in kwistjoni, s-socjeta' konvenuta ma kienetx qed tikkontendi li m'ghandha thallas xejn izda kienet qed tikkontendi li tinghata *discount*.

Dan l-istess hsieb u affermazzjoni gie ribadit fl-ittra mibghuta minn Vincent Schembri (ghas-socjeta' konvenuta) tat-8 t'Ottubru 2001 fejn intqal:

"as your clients we feel that much more need to be done in order to safeguard our interest and not just a small reduction in your fee."

Effettivament, permezz t'ittra tat-22 ta' Novembru 2001, is-socjeta' attrici infurmat lis-socjeta' konvenuta li kienet disposta li toffri *a 10% discount* mill-ammont dovut izda dan id-*discount* ma giex accettat. Ma giex accettat mhux ghax ikkontendew li l-ammont ma kienx dovut izda ghax ippretendew *discount* ikbar. Sa dak il-mument il-pozizzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet ghadha miftuha.

It-Tribunal jidhirlu li sa mill-bidu nett jidher li s-socjeta' konvenuta ma kienetx qed tikkontendi li m'ghandha thallas xejn izda qed tikkontendi li ghandha thallas ammont ridott cjoe' li tinghata *discount* sostanzjali. L-fatt li talbet li tinghata *discount* sostanzjali jfisser u timplika maghha rikonoxximent tad-debitu ghaliex wiehed ma jistax jitlob *discount* jekk wiehed ma jirrikonoxxix l-ezistenza tad-debitu originali u tali rikonoxximent ghandu effett li jinterrompi l-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, certament sat-22 ta' Novembru 2001 meta it-*10% discount* ma giex accettat, ma jistax jinghad li kien ghaddej it-terminu preskrittiv u ghandu jigi ritenut li l-perjodu, ghall-finijiet ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ghandu jibda jidekorri minn dakinhar.

Inoltre fl-atti giet esebita Ittra Ufficjali li ggib id-data tal-24 ta' Marzu 2003 liema Ittra Ufficjali giet notifikata fit-28 ta' Marzu 2003 u cjoe' entro t-terminu legali. Bejn it-22 ta' Novembru 2001 u l-24 ta' Marzu 2003 m'ghaddewx (18) tmintax-il xahar – it-terminu specifikat fl-Artiklu 2148 (a) tal-Kodici Civili u konsegwentament din l-ecezzjoni qieghdha tigi michuda.

<u>Dwar il-mertu:</u>
L-ewwel m'ghandu jigi ezaminat, huwa jekk l-ilment tas-socjeta' konvenuta giex imressaq entro t-terminu ta' sitt (6) xhur li huwa l-*warranty period* stipulat bejn il-partijiet.

Jirrizulta li l-*hand pieces* in kwistjoni gew *refurbished* fi Frar 2000 u ghalhekk il-*warranty period* kien jestendi s'Awissu 2000. Jirrizulta wkoll illi dawn l-istess zewg *hand pieces* jintuzaw regolarment *on a rotational basis* kull gimgha w inghataw ghar-*refurbishment* ghat-tieni darba fl-4 ta' Dicembru 2000 u ghalhekk certament m'huwiex probabbli u lanqas m'hu vero simili li l-ilment mertu tal-kawza qam qabel id-dekors tas-sitt xhur fuq imsemmija.

Certament m'huwiex vero simili li sptar li ghandu z-zewg *hand pieces* in kwistjoni li jintuzaw *on a rotational basis*, ihalli minn Awissu sa Dicembru jghaddi biex dawn iz-zewg mezzi delikati ta' apparat jigu *refurbished.* Il-probabbilta' w aktarx is-sitwazzjoni hi li l-ilment in kwistjoni qam vicin hafna tad-data tal-4 ta' Dicembru 2000 u ghalhekk oltre l-*warranty period* ta' sitt xhur.

Illi ghalkemm hemm certi dubji, m'hemmx provi <u>sufficjenti</u> li l-ewwel *refurbishment* ma sarx tajjeb. Ma sarux provi teknici sufficjenti – wiehed kien jistenna li jsiru provi aktar dettaljati tax-xoghlijiet li saru fiz-zewg *refurbishments.* Il-provi prodotti huma nkonklussivi u ghalhekk l-eccezzjoni fir-rigward qed tigi michuda.

Illi jirrizulta pruvat illi t-tieni *refurbishment* sar *a piena* sodisfazzjon tas-socjeta' konvenuta u dan m'huwiex in dibattitu.
Illi finalment tqajjmet kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-*discount* li ghandha tinghata lis-socjeta' konvenuta u f'dan

ir-rigward dan it-Tribunal gie nvitat biex juza d-diskrezzjoni tieghu fuq bazi t'ekwita'.

It-Tribunal jidhirlu li f'dan ir-rigward ghandu jaghti mportanza ghax-xhieda tat-tabib Dr Frank Portelli fejn qal li l-*hand pieces* in kwistjoni ntuzaw *on a rotational basis* u fil-fatt kienu dawn it-tnejn biss li kellhom il-problemi. Ta relevanza wkoll li dan l-ilment ta' Dr Frank Portelli gie anke ben mifhum mis-socjeta' attrici tant illi meta hija baghtet iz-zewg *hand pieces* in kwistjoni l-Amerika biex isir it-tieni *refurbishment*, hija ghaddiet l-istess ilment lis-socjeta' Amerikana u talbet skont.

Fattur iehor li ghandu jinghata mportanza huwa li hawnhekk qieghdin nitkellmu fuq *refurbishment* u mhux tiswijiet u, kif spjega Dr Portelli u f'dan ir-rigward ma giex kontradett, *refurbishment* bazikament tfisser illi l-apparat isir gdid jew kwazi gdid u ghalhekk ikun *cost effective* ghall-kumpanija li tixtri apparat *seconda mano* u taghmel *refurbishment* biex b'hekk ikollha oggett li huwa ta' l-istess kwalita' bhalli kieku jkun gdid izda bi prezz inferjuri.

Irid jissemma wkoll il-fatt li wara t-tieni *refurbishment*, iz-zewg *hand pieces* baqghu joperaw minghajr problemi u minn dak iz-zmien ghaddew numru ta' snin.

Dan ifisser illi certament ma kienx mistenni li tinqala' htiega ta' tieni *refurbishment* daqshekk malajr wara li sar l-ewwel *refurbishment*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jidhirlu li skont ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-prezz mitlub huwa relattivament baxx u fuq bazi t'ekwita' jidhirlu li l-iskont relattiv ghandu jkun ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta' l-*invoice value* t'elf erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm1,480) u cjoe' *discount* ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) biex b'hekk l-ammont li ghandu jigi mhallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghandu jkun t'elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110).

Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez, normalment f'kazijiet simili l-ispejjez jinqasmu skond ir-rebh u t-telf, f'dan il-kaz partikolari t-Tribunal jidhirlu li l-ispejjez ghandhom jigu

supportati totalment mis-socjeta’ konvenuta li, wara li rceviet id-*discount* ta’ ghaxra fil-mija (10%) mis-socjeta’ attrici m’ghamlitx ebda kontra proposta jew offerta ta’ pagament parzjali. Hija baqghet tittama lis-socjeta’ attrici li se jsir pagament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba attrici limitament ghas-somma t’elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-24 ta’ Marzu 2003 u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------